## RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/015 |
| **Ilment:** | Sfida ta' Ordni ta' Waqfien u Konformità in konnessjoni ma' xogħolijiet illegali u li kkawżaw ħsara ekoloġika f'Wied Qirda |
| **Ilmentatur:** | Prof. Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 16 ta' Novembru 2019 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 22 ta' Ġunju 2020 |

### L-Ilment

1. B'email tas-16 ta' Novembru 2019 (email annessa u mmarkata Dokument A), il-Prof Arnold Cassola talabni ninvestiga l-aġir ta':

   i. Il-Ministru Ian Borg, Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali; u
   ii. L-Inġinier Frederick Azzopardi, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Infrastruttura Malta.

2. L-ilment jittratta allegazzjoni li l-Ministru Ian Borg u l-Inġ. Frederick Azzopardi minkejja ordni ta' waqfien u konformità maħruġa mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) fil-15 ta' Novembru 2019 "…. *injoraw għal kollox l-ordni tal-ERA, anzi sfidaw lill-ERA, u taw ordni lill-ħaddiema ta' Infrastructure Malta jkomplu b'xogħlijiet is-Sibt 16 ta' Novembru*".

### Deċiżjoni dwar Inammissibilità ta' Parti mill-Ilment

3. L-aġir ta' Frederick Azzopardi ma jistax jiġi kunsidrat mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika stante li si tratta ta' allegazzjoni ta' aġir ta' persuna li mhux wieħed minn dawk elenkati fl-artikolu 3 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (kap 570 tal-liġijiet ta' Malta) u għalhekk l-aġir tiegħu ma jistax jiġi investigat f'dawn il-proċeduri.

## Il-Bażi Legali tal-Ilment fil-Konfront tal-Ministru Ian Borg

4. Fl-ilment tiegħu l-Prof Cassola ma rreferiex għal xi artikolu tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari li jinsab fit-Tieni Skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Etika li jiena nqis rilevanti għall-każ huma:

> *Art. 4.5 "Il-Ministri għandhom jaraw li d-dipartimenti governattivi u l-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tagħhom jitmexxew tajjeb u b'għaqal."*
>
> *Art. 5.3 "Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom."*

6. L-artikoli tal-Att dwar l-Aġenzija Infrastruttura Malta (il-kap 588 tal-liġijiet ta' Malta) in kwantu jqegħdu responsabilità fuq il-ministru responsabbli u li jistgħu jkunu rilevanti huma s-segwenti:

> *Art 5(2): "Bla ħsara għal dak stabbilit aktar 'il fuq, il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħti direzzjonijiet lill-Aġenzija, li ma jkunux inkonsistenti ma' dan l-Att, li għandhom jiġu segwiti mill-Aġenzija fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, u l-Aġenzija għandha, hekk kif ikun prattikabbli, tagħti effett lil dawk id-direzzjonijiet kollha."*
>
> *Art 15(1): "Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, għal dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jidhirlu li jaffettwaw l-interess pubbliku, jagħti lill-Aġenzija direzzjonijiet ta' natura ġenerali jew speċifika, li ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, dwar il-politika li għandha tiġi segwita jew azzjoni oħra li għandha tittieħed fit-twettiq tal-funzjonijiet vestiti fl-Aġenzija bis-saħħa jew taħt dan l-Att, u l-Bord għandu, hekk kif ikun prattikabbli, jagħti effett lil dawn id-direzzjonijiet kollha."*

## Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni

7. Iddeċidejt li l-aġir tal-Ministru Ian Borg jimmerita aktar investigazzjoni billi potenzjalment jikkostitwixxi ksur tal-Kodiċi tal-Etika tal-Ministri formanti parti mill-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570) u ksur ta' dmir statutorju li jemerġi mill-imsemmi kap 588.

## Il-Kuntest

8. L-Aġenzija Infrastruttura Malta kienet qed twettaq xogħlijiet f'Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ, li oltre li allegatament kienu qed jikkawżaw ħsara ekoloġika u ħsara għall-biodiversità taż-żona, kienu qed isiru mingħajr il-permessi ambjentali neċessarji.

9. Dan l-aġir ġie rappurtat lill-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent (ERA) nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2019. L-ERA immedjatament ħarġet ordni ta' waqfien nru OWK 0071/19 iżda minkejja din l-ordni x-xogħlijiet baqgħu għaddejjin, allegatament fuq ordni tal-Ministru Ian Borg u l-Inġ Frederick Azzopardi.

10. Dan l-inċident ġie rappurtat estensivament fil-media lokali.[1]

## Proċedura ta' Investigazzjoni

11. Ktibt lill-Ministru Ian Borg fis-27 ta' Novembru 2019 (email annessa u markata Dok B) u informajtu bl-ilment fejn ġie allegat li huwa ordna li jsiru xogħlijiet f'Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ, bi ksur tal-liġi u minkejja ordni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi biex ix-xogħol jieqaf.

12. Huwa irrisponda fit-2 ta' Diċembru (email annessa u mmarkata Dok Ċ) fejn qal *"Jiena qatt ma ordnajt ebda xogħolijiet, mhux f'dan il-każ biss."* Qal ukoll li *"Hemm Aġenzija indipendenti mill-ħidma tal-politiku, li tara hi x'inhu meħtieġ fix-xogħolijiet Infrastrutturali ta' pajjiżna. Jekk tixtieq iżjed informazzjoni nitolbok tagħmel kuntatt ma' Infrastructure Malta"*.

13. Ktibt liċ-Chairman tal-ERA fil-11 ta' Diċembru 2019 (ittra annessa u mmarkata Dok D). Iċ-Chairman irrisponda fit-18 ta' Diċembru permezz ta' ittra dettaljata (annessa u mmarkata Dok E). Il-punti ewlenin fir-risposta tal-ERA huma s-segwenti:

(a) F'Ottubru tal-2019 l-ERA investigat diversi ilmenti li kien qed isir "sfreġju f'Wied Qirda", li huwa Żona Speċjali ta' Konservazzjoni. L-ERA sabet li kienu qed isiru xogħlijiet intensivi ta' dannu lill-ambjent

---

[1] Per eżempju, https://timesofmalta.com/articles/view/workers-at-wied-qirda-ignore-regulators-orders-to-stop.750328 u https://www.maltatoday.com.mt/news/national/98716/infrastructure_malta_continues_to_ignore_stop_order_over_works_in_ebbu_valley#.XuuEyWgzaUk.

naturali mingħajr permess ambjentali, inkluż tħaffir ta' madwar żewġ sulari fond fil-korsa tal-ilma fil-wied.

(b) Fil-15 ta' Novembru 2019 l-ERA ħarġet Ordni ta' Waqfien u Konformità nru OWK 0071/19 lill-Aġenzija Infrastruttura Malta, l-Awtorità tal-Artijiet, u lill-kuntratturi involuti. L-ordni eżiġiet li x-xogħol li kien qed isir mingħajr permess ambjentali jieqaf minnufih u li jiġi sottomess method statement fi żmien ħmistax-il ġurnata għar-restawr tas-sit.

(ċ) Fit-18 ta' Novembru 2019, l-uffiċjali tal-infurzar tal-ERA għamlu spezzjoni fuq is-sit. Taw ordnijiet verbali lill-kuntratturi biex jerġgħu iwaqqfuhom milli jaħdmu, u infurmaw ukoll lill-Aġenzija Infrastruttura Malta bl-ordni li kienet ħarġet l-ERA.

(d) Infrastruttura Malta allegat li x-xogħlijiet kienu qed isiru sabiex tiġi rranġata parti minn Triq Ta' Għaqba ġewwa Wied Qirda, liema triq kienet saret perikoluża. Iżda x-xogħolijiet f'Wied Qirda ma kinux limitati biss għal dan u marru oltre. Fin-nuqqas ta' permess ambjentali, dawn l-interventi kienu bi ksur tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (il-kap 549 tal-liġijiet ta' Malta) u tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fauna u Ambjenti Naturali (LS 549.44). L-ordni ta' waqfien tal-ERA kopriet l-interventi kollha li saru f'Wied Qirda.

(e) Fid-19 ta' Novembru 2019 l-ERA talbet lill-Aġenzija Infrastruttura Malta sabiex minnufih tissottometti method statement biex isir ix-xogħol li kien hemm bżonn biex jiġi indirizzat il-periklu, iżda b'mod ma jkunx ta' dannu għall-ambjent. L-Aġenzija ssottomettiet method statement iżda dan ma indirizzax it-talbiet tal-ERA.

(f) F'laqgħa li saret aktar tard bejn iż-żewġ entitajiet, l-ERA sostniet li fejn l-Aġenzija kienet tal-opinjoni li kien hemm periklu imminenti, kellhom isiru xogħlijiet biex jitneħħa l-periklu skont il-method statement mitlub, iżda għal xogħlijiet oħra kellhom jinġiebu l-permessi neċessarji.

(g) Sad-data tal-ittra tal-ERA, l-Aġenzija baqgħet ma ssottomettietx method statement li kien sodisfaċenti għall-ERA mil-lat ambjentali. Sadanittant l-Aġenzija flimkien ma' wieħed mill-kuntratturi appellaw kontra l-Ordni ta' Waqfien u Konformità quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

(h) L-ERA ikkomunikat ma' uffiċjali tal-Aġenzija Infrastruttura Malta. L-ERA ma kkomunikatx ma' uffiċjali tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali jew direttament mal-Ministru innifsu.

14. L-ordni ta' waqfien maħruġa mill-ERA fil-15 ta' Novembru 2019 (annessa u mmarkata Dok F) elenkat dawn ix-xogħlijiet bħala attivitajiet li kienu bi ksur tal-leġislazzjoni ambjentali:

> *"alterazzjoni fiżika tal-profil ta' wied u tal-korsa naturali tan-nixxiegħa tal-ilma riżultat ta' twessiegħ tat-triq għal ġol-wied, kostruzzjoni ġewwa l-wied, tħammil, depożitu ta' materjal u tneħħija ta' veġetazzjoni naturali minn ġewwa l-wied;"*
>
> *"tibdil fil-pożizzjoni oriġinali tat-triq illi wasslet għall-alterazzjoni tal-aspetti fiżici tal-ambjent mal-ġnub tat-triq, inkluż u mhux limitat għal skavar u depożitu ta' ħamrija u qerda ta' ħitan tas-sejjieħ u tneħħija ta' veġetazzjoni naturali u ħsara lil siġar protetti;"* u
>
> *"bini ta' rampa għal ġewwa l-wied illi wassal għal ħsara fuq ħajt tas-sejjieħ u distruzzjoni ta' veġetazzjoni naturali".*

15. Jirriżulta li wara li kitibli ċ-Chairman tal ERA, id-diskussjonijiet bejn iż-żewġ entitajiet komplew, u fl-24 ta' Jannar 2020 ħarġu stqarrija konġunta (annessa u markata Dok G). Din l-istqarrija qalet fost affarijiet oħra li l-ERA *"qiegħda kontinwament issegwi mill-qrib ix-xogħlijiet ta' tiswijiet li Infrastructure Malta qed tagħmel f'partijiet mit-triq rurali f'Wied Qirda, biex tassigura l-ħarsien ta' dawn l-inħawi ta' importanza naturali,"* filwaqt li min-naħa tagħha l-Aġenzija Infrastruttura Malta kienet qed tikkollabora mal-Awtorità biex ix-xogħlijiet meħtieġa jsiru b'metodi li *"ma jkunux ta' dannu għas-sostenibilità ambjentali fit-tul tal-inħawi. Aktar minn hekk, ladarba jitlestew it-tiswijiet tat-tiswija tat-triq, se tikkontribwixxi fir-riġenerazzjoni ta' dan il-wied billi jsiru l-interventi kollha mitluba mill-istess Awtorità."*

14. L-istqarrija kompliet tgħid li x-xogħlijiet kienu meħtieġa biex it-triq tiġi asfaltata mill-ġdid u biex isiru tiswijiet ta' medda żgħira mit-triq li kienet ċediet waqt diversi maltempati. Kien hemm bżonn ukoll li tinbidel trejqa li kienet taqsam il-wied, u li kienet mibnija fuq diga (dam) li kienet qed tostakola n-nixxiegħa naturali tal-ilma fil-wied.

15. L-istqarrija qalet ukoll li l-ordni ta' waqfien tal-ERA "ma kinitx maħsuba biex twaqqaf ix-xogħlijiet permessi mil-liġi sabiex titranġa t-triq ħalli terġa' tkun

sigura għall-pubbliku, iżda sabiex titlob li tkun infurmata fuq il-metodoloġija tax-xogħlijiet, u sabiex tiżgura li jkun hemm l-inqas impatt fuq l-ambjent tal-inħawi." Diġà kien tneħħa l-asfalt minn medda t'art lil hinn mill-wisgħa tat-triq oriġinali, li kienet ġiet asfaltata qabel inħarġet l-ordni ta' waqfien, filwaqt li kien għad jonqos li tissewwa parti oħra mit-triq li kienet ċediet meta kien inqaleb trakk waqt xogħlijiet ta' asfaltar.

16. Fis-7 ta' Frar 2020 erġajt ktibt lill-Ministru Borg (ittra annessa u mmarkata Dok H). F'din l-ittra bgħattlu kopja tar-risposta taċ-Chairman tal-ERA. Ġbidt l-attenzjoni tal-Ministru lejn l-artikoli 5(2) u 15(1) tal-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta, li huma kkwotati fil-paragrafu 6 ta' dan ir-rapport, kif ukoll l-artikolu 4.5 u 5.3 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri, li huma kkwotati fil-paragrafu 5 ta' dan ir-rapport. Tlabt lill-Ministru jispjega:

> *"għalfejn ma wżajtx is-setgħat li tagħtik il-liġi biex twaqqaf lil Infrastructure Malta milli twettaq xogħlijiet illegali malli l-media irrapportat li kienu qegħdin isiru tali xogħlijiet, anki jekk ma kontx taf b'dawn ix-xogħlijiet qabel."*

17. Huwa irrisponda għal din l-ittra fl-14 ta' Frar 2020 (ittra annessa u mmarkata Dok I) kif ġej:

> *"Nixtieq mill-bidu nett niddikjara illi jiena qatt ma tajt xi ordni biex jiġu kommessi xi illegalitajiet jew biex jinkisru xi ordnijiet bi ħsara tal-liġi. Nixtieq nikkjarifika wkoll illi lanqas ma ġie għall-attenzjoni tiegħi il-fatt li kienu qed jiġu intrapriżi xogħlijiet illegali jew li Infrastructure Malta kienet kisret xi ordnijiet maħruġa mill-ERA. Għalhekk nemmen illi jiena ma nqast bl-ebda mod.*
>
> *Meta din il-kwistjoni ġiet irrappurtata fil-media tlabt għall-informazzjoni kollha sabiex nara x'passi kellhom jittieħdu. Qatt mhu ser nippermetti illi l-Ministeru jew l-Aġenzija li tagħha jiena responsabbli tikkommetti xi illegalità jew tikser ordnijiet ta' xi Awtorità kompetenti."*

18. Il-Ministru kompla billi qal li meta talab informazzjoni dwar il-każ, ġie mgħarraf li parti mit-triq f'Wied Qirda kienet sfrondat u kienet ta' periklu serju għal dawk li jużaw it-triq. It-triq kienet l-uniku aċċess għal dawk li kellhom għelieqi jew proprjetà f'Wied Qirda, u kienet triq frekwentata. It-tiswija tat-triq kienet tinvolvi l-bini ta' pedamenti ġodda biex it-triq ma tkomplix tikkollassa. Tneħħew ukoll volumi kbar ta' materjal li kien intefa' fil-wied b'mod abbużiv.

19. Il-Ministru qal ukoll li skont l-Att dwar l-Ippjanar u l-Iżvilupp (il-kap 552 tal-liġijiet ta' Malta), xogħlijiet ta' emerġenza mwettqa mill-gvern ma kellhomx

bżonn permess ta' żvilupp, iżda minkejja dan l-Aġenzija Infrastruttura Malta ħadet ħsieb li x-xogħlijiet f'Wied Qirda kienu qed isiru taħt is-sorveljanza tal-ERA. L-ordni maħruġa mill-ERA *"ma kinitx ordni ta' waqfien mix-xogħol iżda biss ordni għal method statement (li sussegwentement ġiet appellata)"*. Għaldaqstant *"ma kienx minnu illi Infrastructure Malta kienet kisret il-liġi jew injorat xi ordni għal waqfien mix-xogħol"*. Dan kollu ġie kkonfermat mill-ERA permezz tad-dikjarazzjoni konġunta maħruġa minnha u mill-Aġenzija Infrastruttura Malta.

20. Il-Ministru kkonkluda billi qal li *"meta ngħatajt din l-informazzjoni kolla (hekk kif ikkonfermat mill-ERA) ħassejt li ma kienx hemm passi x'jittieħdu. Ma kienx hemm xogħlijiet illegali jew xogħlijiet magħmula bi ħsara ta' ordni ta' waqfien."*

**Konsiderazzjonijiet**

21. Jidher ċar li l-Aġenzija Infrastruttura Malta u l-ħaddiema u/jew kuntratturi tagħha wettqu xogħol bla permess ambjentali u baqgħu għaddejjin bl-istess xogħol minkejja l-Ordni ta' Waqfien u Konformità (OWK 0071/19). L-ittra tal-ERA tat-18 ta' Diċembru 2019 tgħid bl-aktar mod kategoriku li *"L-Ordni ta' Waqfien u Konformità ġiet injorata minn Infrastructure Malta u minn kuntratturi imqabbda minnha sabiex jesegwixxu x-xogħol."*

22. L-ordni ta' waqfien titkellem b'mod ċar dwar attivitajiet li saru bi "ksur tal-leġislazzjoni ambjentali" u tesiġi li dawn l-attivitajiet għandhom jieqfu. Id-dikjarazzjoni tal-Ministru li din kienet biss ordni għal method statement ma tirriflettix il-pożizzjoni korretta.

23. Huwa minnu li l-istqarrija konġunta maħruġa mill-ERA u Infrastruttura Malta fl-24 ta' Jannar 2020 toħloq ambigwità billi tgħid li l-ordni tal-ERA *"ma kinitx maħsuba biex twaqqaf ix-xogħlijiet permessi mil-liġi ... iżda sabiex titlob li tkun infurmata fuq il-metodoloġija tax-xogħlijiet"*. Iżda hawnhekk il-kliem *"permessi mil-liġi"* huma kruċjali. L-istess stqarrija tgħid li medda ta' art ta' madwar 70 metru kwadru, li kienet maġenb it-triq iżda mhux parti minnha, ġiet asfaltata, u dan l-asfalt tneħħa ftit jiem wara li nħarġet l-ordni. Kieku dan ix-xogħol ma kienx illegali, ma kienx ikollu għalfejn jitneħħa.

24. Iżda l-iskop ta' dan ir-rapport huwa biss l-aġir, jew nuqqas ta' aġir, tal-Ministru Borg u mhux tal-Aġenzija Infrastruttura Malta. Wieħed għalhekk għandu jistaqsi x'sehem kellu l-Ministru fl-aġir tal-Aġenzija.

25. F'dan il-kuntest hemm xi ftit ta' kontradizzjoni fir-risposti tal-Ministru. Fit-2 ta' Diċembru 2019 qal li qatt ma ordna ebda xogħlijiet. Qal l-Aġenzija Infrastruttura Malta hija "*indipendenti mill-ħidma tal-politiku*" u "*tara hi x'inhu meħtieġ fix-xogħlijiet infrastrutturali ta' pajjiżna*", mentri kif indikat fil-paragrafu 6 ta' dan ir-rapport, l-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta iqiegħed l-Aġenzija taħt id-direzzjoni tal-Ministru.

26. Mill-banda l-oħra, fl-14 ta' Frar 2020 il-Ministru qal "*Meta din il-kwistjoni ġiet irrappurtata mill-media tlabt għall-informazzjoni kollha sabiex nara x'passi kellhom jittieħdu.*" Hawnhekk il-Ministru qed jirrikonoxxi r-responsabbiltajiet u s-setgħat li għandu skont l-Att. Il-Ministru ma jindikax meta talab għal din l-informazzjoni. Il-każ ġie rapportat mill-midja fis-16 ta' Novembru 2019. Hija assunzjoni raġonevoli li meta l-Ministru kitibli l-ewwel darba, fit-2 ta' Diċembru 2019, kien isemmi l-fatt li ħa azzjoni kieku kien laħaq ħadha. Dan jindika li sa dakinhar, jiġifieri ġimgħatejn wara r-rapporti fil-midja, il-Ministru kien għadu ma ħax azzjoni.

27. Madankollu, ma jirriżultax li l-Ministru Borg kellu xi sehem fil-ksur tal-Ordni ta' Waqfien u Konformità. Mill-indaġni li għamilt ma jirriżultax li l-Ministru ta xi ordni biex jitkompla x-xogħol biex b'hekk tiġi sfidata l-ordni kif allegat fl-ilment tal-Prof Cassola. Ma jirriżultax li l-ERA qatt tkellmet mal-Ministru jew ma' uffiċjali tal-ministeru.

28. Lanqas ma jidher li kien hemm nuqqas ta' dover skont il-liġi in kwantu ma użax is-setgħat li tagħtih il-liġi biex iwaqqaf lil Infrastructure Malta milli twettaq xogħlijiet illegali. Minkejja li l-ordni ta' waqfien ta' xogħol tal-ERA ma ġietx rispettata mallewwel mill-Aġenzija Infrastruttura Malta, iż-żewġ awtoritajiet waslu għal ftehim dwar metodi ta' xogħol li ma jkunux ta' dannu għas-sostenibilità ambjentali wara biss ftit gimgħat, u ċioe' żmien relattivament qasir. Qablu wkoll li jitneħħew ix-xogħlijiet li kienu li saru bla permess inkluż it-twessiegħ tat-triq. Għalhekk oltre li m'hemmx prova li l-Ministru ta xi ordni biex jitkompla x-xogħol, lanqas ma jista' jingħad li l-Ministru naqas li jagħti direzzjoni jew xi ordni lill-Aġenzija Infrastruttura Malta biex ma tkomplix tikser il-liġi. Kien ikun xorta oħra li kieku l-Aġenzija Infrastruttura Malta kompliet tinjora l-Ordni ta' Waqfien u Konformità u rrifjutat li tneħħi l-effett tax-xogħol kontroversjali u l-Ministru m'għamel xejn.

**Konklużjoni**

29. Għalhekk l-ilment, in kwantu ġie allegat nuqqas da parti tal-Ministru Ian Borg, qed jiġi miċħud.

30. F'dan il-kuntest għandu jiġi sottolineat il-mod professjonali u tempestiv kif imxiet l-ERA konfrontata b'aġir evidentement abbużiv ta' entità oħra tal-gvern.

31. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-Prof Arnold Cassola li għamel l-ilment, lill-Ministru Ian Borg, u lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni. Kopja ser titqiegħed ukoll fuq il-website tal-uffiċċju tiegħi.[2]

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

2 https://standardscommissioner.com.

## Dokumenti Mehmuża

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ilment tal-Prof Arnold Cassola konsistenti f'email tas-16 ta' Novembru 2019. |
| Dokument B | Email tas-27 ta' Novembru 2019 mill-uffiċċju tiegħi lill-Ministru Ian Borg. |
| Dokument Ċ | Risposta tal-Ministru Borg datata 2 ta' Diċembru 2019. |
| Dokument D | Ittra liċ-Chairman tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) tal-11 ta' Diċembru 2019. |
| Dokument E | Risposta taċ-Chairman tal-ERA datata 18 ta' Diċembru 2019. |
| Dokument F | Ordni ta' Waqfien u Konformità maħruġa mill-ERA kontra l-Aġenżija Infrastruttura Malta fil-15 ta' Novembru 2019. L-istess ordni nħarġet ukoll kontra l-Awtorità tal-Artijiet u l-kuntratturi konċernati. |
| Dokument G | Stqarrija konġunta maħruġa mill-ERA u l-Aġenzija Infrastruttura Malta fl-24 ta' Jannar 2020. |
| Dokument H | Ittra tas-7 ta' Frar 2020 lill-Ministru Ian Borg. |
| Dokument I | Risposta tal-Ministru Borg datata 14 ta' Frar 2020. |

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

**From:** Arnold Cassola <arnoldcassola@gmail.com>
**Sent:** Saturday, 16 November 2019 21:04
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Fwd: Azzjoni urgenti Ambjent Wied Qirda

Ghaziz Kummissarju

Granet ilu, jiena u Dr Claire Bonello ktibna lill- ERA dwar illegalitajiet flagranti li l- Ministru Ian Borg u Frederic Azzopardi ta' Infrastructure Malta kienu qed iwettqu f'Wied Qirda. Ara taht:

The Chairman
Prof Victor Axiak
Environment and Resources Authority
Hexagon House
Floriana

Dear Professor Axiak
Ref - Kind request for action regarding Wied Qirda illegal asphalting and road widening in accordance with Regulation 13 of Subsidiary Legislation 549.97 Prevention and Remedying of Environmental Damage

I have included aerial photos for ease of reference.

Download from here:

Location: https://goo.gl/maps/RksHCR6rSssarjuMy99Fi3A
35°52'04.1"N 14°27'23.4"E

Road widening is very clear from above, besides the use of asphalt in an ecological area. This path leads eventually comes to a dead end 350m inwards.
There is a fireworks factory further in https://goo.gl/maps/2rdKd2Hmz84YVf2RA . There are other zones where this asphalting is clear.The relative planning policy clearly highlights this area as an area of ecological importance within the valley protection zone.

Besides being very deleterious in terms of ecological damage and biodiversity, this is illegal as seen from the attached analysis.
In view of the above I kindly request you to take immediate action in terms of Subsidiary Legislation 549.97 Prevention and Remedying of Environmental Damage.
Thanking you in advance for your kind attention.
Kind regards

Prof. Arnold Cassola

L-ERA qablet mal-osservazzjonijiet tieghi u ta' Dr Bonello u harget stop notice il-Gimgha 15 ta' Novembru.

Minkejja dan, il-Ministru Borg u Frederic Azzopardi, injoraw ghal kollox l-ordni tal-ERA, anzi sfidaw lill-ERA, u taw ordni lill-haddiema ta' Infrastructure Malta jkomplu bix-xoghlijiet, is_Sibt 16 ta' Novembru.

Ara video hawn:

https://m.facebook.com/story.php?story_fbid=2630870150302821&id=867277666662087

Nitolbok tiehu azzjoni urgenti biex ticcensura lil dawn iz-zewg individwi assatanati bil-poter, fosthom Ministru tar-Repubblika, biex ma jkomplux ikissru wicc pajjizna.

Nirringrazzjak tal-attenzjoni.

Arnold Cassola

## Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Sent:** Wednesday, 27 November 2019 13:07
**To:** ian.borg@gov.mt
**Subject:** Ilment dwar xogħlijiet f'Wied Qirda, Żebbuġ

Onor Ministru

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika rċieva l-ilment li jidher hawn taħt, fejn qed jiġi allegat li inti tajt ordnijiet biex isiru xogħlijiet f'Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ, bi ksur tal-liġi u minkejja ordni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi biex ix-xogħol jieqaf.

Inti ġentilment mitlub tagħti r-reazzjonijiet tiegħek dwar dan l-ilment sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 6 ta' Diċembru 2019**.

Charles Polidano
Direttur Ġenerali

**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11 St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com

**From:** Arnold Cassola <arnoldcassola@gmail.com>
**Sent:** Saturday, 16 November 2019 21:04
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Subject:** Fwd: Azzjoni urgenti Ambjent Wied Qirda

Ghaziz Kummissarju

Granet ilu, jiena u Dr Claire Bonello ktibna lill- ERA dwar illegalitajiet flagranti li l- Ministru Ian Borg u Frederic Azzopardi ta' Infrastructure Malta kienu qed iwettqu f'Wied Qirda. Ara taht:

The Chairman
Prof Victor Axiak
Environment and Resources Authority
Hexagon House
Floriana

Dear Professor Axiak
Ref - Kind request for action regarding Wied Qirda illegal asphalting and road widening in

## Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life

**From:** Borg Ian at MTIP <ian.borg@gov.mt>
**Sent:** Monday, 2 December 2019 13:07
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** RE: [EXTERNAL] - [SPAM] - Ilment dwar xogħlijiet f'Wied Qirda, Żebbuġ - Message is a scam email phishing

Sur Polidano,

Grazzi tal-email tieghek.

Jiena qatt ma ordnajt ebda xogholijiet, mhux f'dan il-kaz biss.

Hemm Agenzija indipendenti mill-hidma tal-politiku, li tara hi x'inhu mehtieg fix-xogholijiet Infrastrutturali ta' pajjizna.

Jekk tixtieq izjed informazzjoni nitolbok taghmel kuntatt ma' Infrastructure Malta.

Inselli ghalik,

Ian Borg
Minister

**t** +356 22922001 **e** ian.borg@gov.mt | www.infrastructure.gov.mt
Valletta 2018 - European Capital of Culture www.valletta2018.org
*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCT
AND CAPITAL PROJE
FRANCESCO BUONAMICI STREET, FLORIANA, M

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Sent:** 27 November 2019 13:07
**To:** Borg Ian at MTIP <ian.borg@gov.mt>
**Subject:** [EXTERNAL] - [SPAM] - Ilment dwar xogħlijiet f'Wied Qirda, Żebbuġ - Message is a scam email phishing

Onor Ministru

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika rċieva l-ilment li jidher hawn taħt, fejn qed jiġi allegat li inti tajt ordnijiet biex isiru xogħlijiet f'Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ, bi ksur tal-liġi u minkejja ordni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi biex ix-xogħol jieqaf.

Inti ġentilment mitlub tagħti r-reazzjonijiet tiegħek dwar dan l-ilment sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 6 ta' Diċembru 2019**.

Charles Polidano

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

11 ta' Diċembru 2019

Prof Victor Axiak
Chairman
Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

Bl-email fuq l-indirizz info@era.org.mt

Sinjur,

**Każ K/015 – nuqqas ta' osservanza ta' stop notice f'xogħlijiet f'Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ**

Irċevejt ilment li jallega li l-Ministru Ian Borg ta ordnijiet biex xogħlijiet li kienu qed isiru minn Infrastructure Malta f'Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ, jibqgħu għaddejjin minkejja stop notice maħruġa mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi.

Għall-finijiet tal-investigazzjoni tiegħi qiegħed nitolbok tipprovdi din l-informazzjoni:

(1) X'kuntatti saru ma' uffiċjali fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, u/jew mal-Ministru nnifsu dwar il-materja, kemm qabel il-ħruġ tal-istop notice kemm wara?

(2) X'kienu r-raġunijiet li l-Awtorità ħarġet l-istop notice in kwistjoni?

(3) Huwa minnu li x-xogħlijiet kienu qegħdin isiru biex tiġi rranġata triq li kienet saret perikoluża?

(4) Jekk dan huwa minnu, l-Awtorità ħadet dan il-periklu in konsiderazzjoni meta ħarġet l-istop notice?

(5) Huwa minnu li din l-istop notice ġiet injorata minn Infrastructure Malta?

Napprezza risposta sal-**Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2019**.

Nirringrazzjak u nselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

ERA Environment & Resources Authority

DOKUMENT E

18 ta' Diċembru 2019

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Valletta

Għażiż Dr Hyzler,

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek datata 11 ta' Diċembru 2019 rigward

**Każ K/015 – Nuqqas ta osservanza ta' Stop Notice f'xogħlijiet f'Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ**

Bħala sfond, l-Awtorità tirrimarka f'Ottubru tal-2019 l-ERA skopriet li saru xogħolijiet mingħajr permess fil-Wied tramite diversi ilmenti li l-istess Awtorità rċeviet illi kien qed isir sfreġju f'Wied Qirda. Permezz tal-investigazzjoni magħmula mill-ERA irriżulta illi kienu saru xogħolijiet intensivi fil-Wied mingħajr permess ambjentali fejn irriżulta illi sar tħaffir estensiv (ta' madwar żewġ sulari) proprju ġewwa l-korsa tal-ilma tal-wied.

Għaldaqstant fil-15 ta' Novembru 2019 l-ERA ħarġet Ordni ta' Waqfien u Konformità (OWK 0071/19) lill-Infrastructure Malta, l-Awtorità tal-Artijiet, is-Sid/Okkupant, u lill-kuntratturi AC Group Ltd (C85930) u Philip Agius and Sons Ltd (C35991), kopji ta' din l-Ordni mehmuża fliema Ordni l-Awtorità esiġiet li jitwaqqaf immedjatament ix-xogħol li kien qed isir mingħajr permess ambjentali u li jiġi sottomess Method Statement fi żmien ħmistax-il ġurnata sabiex jiġi restawrat is-sit.

Fit-18 ta' Novembru 2019 l-uffiċjali tal-infurzar tal-Awtorità għamlu spezzjoni fuq is-sit u verbalment reġgħu waqqfu lill-kuntratturi milli jkomplu jaħdmu u infurmaw lill-IM bl-obbligi li jkunu konformi ma' dak stipulat fl-Ordni. L-għada, fit-19 ta' Novembru 2019 l-IM issottomettew Method Statement lill-ERA u fl-istess ġurnata saret laqgħa bejn iż-żewġ entitajiet fejn konsegwenza tal-allegat periklu l-ERA talbet lill-IM sabiex immedjatament tissottometti Method Statement limitat għall-dak li hemm bżonn isir b'mod immedjat sabiex jitneħħa l-periklu ikkawżat bix-xogħolijiet fil-wied li ġew ikkawżati bit-tħaffir immedjatament qabel inħareġ l-OWK. Għalkemm l-IM issottomettew Method Statement rivedut, tali Method Statement ma kienx jindirizza t-talbiet tal-ERA u l-ERA infurmat b'dan lill-IM.

Sussegwentament iż-żewġ entitajiet reġgħu iltaqgħu u l-ERA sostniet illi fejn IM kienet tal-opinjoni li hemm periklu imminenti isiru x-xogħolijiet sabiex jitneħħa dak il-periklu skont il-Method Statement mitlub iżda għal xogħolijiet ulterjuri iridu jinġiebu l-permessi neċessarji. Sallum il-ġurnata l-IM għadhom ma ssottomettewx Method Statement in linea mal-OWK li huwa għas-sodisfazzjon tal-ERA mil-lat ambjentali.

Ġentilment ninfurmak li l-Ordni ta' Waqfien u Konformità 0071/19 qiegħda tiġi appellata mill-Infrastructure Malta u minn AC Group Ltd quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Għall-finijiet tal-investigazzjoni tiegħek qegħdin jiġu hawn taħt ippreżentati r-risposti għall-mistoqsijiet imposti fl-ittra tiegħek datata 11 ta' Diċembru 2019.

1. *X'kuntatti saru ma' uffiċjali fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, u/jew mal-Ministru nnifsu dwar il-materja, kemm qabel il-ħruġ tal-istop notice kemm wara?*

   Saru diversi komunikazzjonijiet kemm bit-telefon kif ukoll permezz tal-email bejn l-uffiċjali taż-żewġ entitajiet (l-ERA u l-Infrastructure Malta) waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet fuq il-post sabiex jiġi determinat il-leġittimita tal-interventi. Saru wkoll laqgħat wara li nħarġet l-istess Ordni ma' uffiċjali tal-istess entità sabiex jottemperaw ruħhom mal-Ordni mogħtija mill-ERA.

2. *X'kienu r-raġunijiet li l-Awtorità ħarġet l-istop notice in kwistjoni?*

   L-ERA ħarġet l-Ordni ta' Waqfien u Konformità minħabba interventi li kienu qegħdin jagħmlu dannu lill-ambjent naturali f'Żona Speċjali ta' Konservazzjoni (SAC) mingħajr il-permess ambjentali. Kopji tal-Ordni OWK 0071/19 maħruġa qed jiġu mehmuża ma' din l-ittra.

3. *Huwa minnu li x-xogħlijiet kienu qegħdin isiru biex tiġi rranġata triq li kienet saret perikoluża?*

   Infrastructure Malta allegat illi x-xogħlijiet kienu qed isiru sabiex tiġi rranġata parti minn Triq Ta' Għaqba ġewwa Wied Qirda liema triq Infrastructure Malta sostnew li kienet saret perikoluża. Iżda l-Ordni ta' Waqfien u Konformità tkopri l-interventi kollha li saru f'Wied Qirda li huwa protett bħala SAC mingħajr il-permess ambjentali u dan bi ksur kemm tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap 549 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll tar-Regolamenti dwar il-

Environment & Resources Authority

Protezzjoni tal-Flora, Fauna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44). Dan peress li x-xogħlijiet kollha li saru f'Wied Qirda mill-IM ma kienux limitati biss għall-parti perikolanti iżda marru oltre.

4. *Jekk dan huwa minnu, l-Awtorità ħadet dan il-periklu in konsiderazzjoni meta ħarġet l-istop notice?*

   Kif ġie spjegat iżjed 'il fuq il-periklu ikkawżat mix-xogħolijiet kien ċentrali fl-operat tal-Awtorità vis-à-vis Infrastructure Malta u fl-ebda mument ma naqset milli tieħu konjizzjoni tal-urġenza. L-ERA qatt ma oġġezzjonat li jsiru t-tiswijiet meħtieġa imma talbet lil Infrastructure Malta biex tipprovdi Method Statement ta' kif ser isir dan ix-xogħol, bil-għan li l-ERA tara li dan ix-xogħol ma jkunx ta' dannu għall-ambjent, liema MS għadu ma ġiex sottomess għas-sodisfazzjon tal-ERA.

5. *Huwa minnu li din l-istop notice ġiet injorata minn Infrastructure Malta?*

   L-Ordni ta' Waqfien u Konformità ġiet injorata minn Infrastructure Malta u minn kuntratturi imqabbda minnha sabiex jesegwixxu x-xogħol.

Filwaqt li nispera li tali informazzjoni tgħinek fl-investigazzjoni tiegħek ninsab dispost għal kwalunkwe mistoqsijiet ulterjuri li jista' jkollok fuq dan il-każ u ġentilment nissuġġerilek li tikkonsulta wkoll lill-Ministeri ikkonċernati.

Inselli għalik,

Prof. Victor Axiak

Chairperson, ERA

DOKUMENT F

ERA
Environment & Resources Authority

**Ordni Skond l-Artikoli 74, 76, 77, u 78 tal-Att I tal-2016**
**Dwar il-Protezzoni tal-Ambjent (Kap. 549)**
**Ordni ta' Waqfien u ta' Konformità**

**Stop and Compliance Order**
**Każ: IF2183/19-N**

Rif. Tagħna: **OWK 0071/19**

**Frederick Azzopardi**
**Chief Executive Officer,**
**Infrastructure Malta,**
**Vjal il-Ħelsien,**
**Luqa**

Ordni maħruġ fil-15 ta' Novembru 2019

Qed tiġi nnotifikat li għall-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi hemm ksur tal-leġislazzjoni ambjentali fil-post indikat hawn taħt:

Post: **Siti fi u maġenb Triq ta' Għaqba, ġewwa Wied Qirda, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta** (hekk kif muri fil-pjanta mehmuża).

Il-ksur tal-leġislazzjoni ambjentali jikkonsisti f':

1. **Attivitajiet hekk kif defInti fl-Iskeda tal-Att dwar l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549) paragrafi (a) (vi); (a) (vii); (a) (xi); (a) (xii); (a) (xiii), u speċifikament:**
   a) **qtugħ, distruzzjoni, jew danneġġjament ta' eżemplari;**
   b) **qlugħ, tqaċċit, żbir jew it-twettiq ta' interventi kirurġiċi jew interventi oħra fuq dawk il-eżemplari;**
   c) **attivitajiet f'żoni protetti, li jitqiesu bħala li għandhom effett fuq id-diversità u l-integrità tas-sit jew il-karatteristiċi ambjentali tiegħu;**
   d) **attività li tmur kontra l-prinċipji tar-restawr ekoloġiku, ġeoloġiku, ġeomorfoloġiku, idroloġiku u tal-pajsaġġ, jew tal-prattika tajba fil-konservazzjoni ta' u fil-ġestjoni tal-bijodiversità, tal-karatteristiċi naturali, tal-pajsaġġi u taż-żoni protetti, inkluż iżda mhux biss għal: attivitajiet li jkun mistenni li se jikkaġunaw tibdil dejjiemi, jew fit-tul jew inkella sinifikattiv; tneħħija ta' veġetazzjoni naturali; attivitajiet meqjusa bħala li għandhom effett fuq id-diversità bijoloġika, fuq l-aspett fiżiku tas-sit, jew fuq l-integrità tas-sit u l-pajsaġġ; u tħammil tal-widien;**
   e) **interventi li jibdlu, jipperikolaw l-istabilità ta' jew iġarrfu kwalunkwe karatteristiċi fiżiċi naturali, jew strutturi rurali li jipprovdu ambjent għall-flora jew għall-fawna jew inkella li jikkontribwixxu għall-integrità tal-pajsaġġ jew tal-ambjent fiżiku**

**kollha mwettqa ġewwa Żona ta' Konservazzjoni Speċjali kif elenkata f'N.G. 223 tat-2005, u mingħajr ma kellek fil-pussess tiegħek awtorizzazzjoni mill-Awtorità taħt l-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u dan bi ksur ta' Artikolu 58 tal-istess Att;**

2. **Operazzjoni jew attività mgħamula ġewwa SAC, u ċioè Ta' Bloq Area/Wied Qirda hekk kif stabbilita permezz ta' N.G. 223 tal-2005, mingħajr avviż bil-miktub lill-awtorità kompetenti bil-proposta tal-operazzjoni jew attività, liema avviż kellu jispeċifika x-xorta u s-sit propost, u mingħajr ma tali proposta kienet ġiet approvata mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur ta' regolament 18 tar-Regolamenti tal-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjent Naturali (L.S. 549.44);**

3. **Wettaqt jew ippermettejt li titwettaq xi attività li fl-opinjoni tal-Awtorità tista' tkun ta' ħsara għal kwalunkwe eżemplari elenkat fl-Ewwel Skeda, u ċioè tliet eżemplari ta' Ħarruba *Ceratonia siliqua*, mingħajr ma' din l-attività kienet koperta b'permess mill-Awtorità, u dan bi ksur ta' regolament 13 tar-Regolamenti Dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (L.S. 549.123);**

4. **Qtajt, neħħejt il-qoxra taz-zokk ta' siġar jew il-weraq tagħhom, neħħejt l-injam minn, isserrajt, immutilajt siġar jew parti minnhom minn eżemplari elenkati fl-Ewwel Skeda u ċioè tliet eżemplari ta' Ħarruba *Ceratonia siliqua*, mingħajr il-permess minn qabel tal-Awtorit à, u dan bi ksur ta' regolament 14 tar-Regolamenti Dwar il-Harsien tas-Siġar u l-Imsaġar (L.S. 549.123).**

**Dan kollu seħħ permezz ta':**

- **alterazzjoni fiżika tal-profil ta' wied u tal-korsa naturali tan-nixxiegħa tal-ilma riżultat ta' twessiegħ tat-triq għal ġol-wied, kostruzzjoni ġewwa l-wied, tħammil, depożitu ta' materjal u tneħħija ta' veġetazzjoni naturali minn ġewwa l-wied; kif ukoll**
- **tibdil fil-pożizzjoni originali tat-triq illi wasslet għall-alterazzjoni tal-aspetti fiżiċi tal-ambjent mal-ġnub tat-triq, inkluż u mhux limitat għal skavar u depożitu ta' ħamrija u qerda ta' ħitan tas-sejjiegħ u tneħħija ta' veġetazzjoni naturali u ħsara lil siġar protetti; u**
- **bini ta' rampa għal ġewwa l-wied illi wassal għal ħsara fuq ħajt tas-sejjiegħ u distruzzjoni ta' veġetazzjoni naturali,**

**li kollha saru ġewwa SAC, u ċioè Ta' Bloq Area/Wied Qirda hekk kif stabbilita permezz ta' N.G. 223 tal-2005.**

L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jidhrilha illi huwa bżonnjuż, meta tqis id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni ambjentali u kunsiderazzjonijiet oħra ta' sustanza, li toħroġ dan l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformità, bis-saħħa tal-poteri li għandha skond l-Artikoli 74, 76, 77, u 78 tal-Att Nru. I tal-2016.

**L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi tesiġi li tieqaf immedjatament l-attività hawn fuq imsemmija, u ma tinbeda l-ebda attività oħra li tirrikjedi awtorizzazzjoni fuq is-sit jew li tikkaġuna ħsara ambjentali, u jittieħdu dawn il-passi sabiex jieqaf il-ksur billi:**

**Tirrestawra s-sit lura għall-istat naturali tiegħu u dan skont pjan ta' xogħlijiet li trid tissottometti u li jrid jiġi approvat bil-quddiem mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika ta' dan l-Ordni.**

**Dan il-ksur huwa suġġett għal multi għal kull ġurnata kif elenkati fit-Tieni Skeda ta' Multi għal kull Ġurnata tar-Regolamenti Dwar Multi Għal Kull Ġurnata Rigward l-Ambjent (L.S. 549.72).**

Għaldaqstant kun infurmat illi l-multi msemmija hawn isfel huma effettivi:

i) **multa amministrattiva ta' mitt ewro (€100)** skont ir-regolament 3 tar-Regolamenti Dwar Multi Għal Kull Ġurnata Rigward l-Ambjent (L.S. 549.72); u

ii) **jekk l-illegalità tippersisti, ser jibdew jiddekorru l-multi segwenti għal kull ġurnata li jibqgħu jiddekorru sal-ġurnata li fiha tirregola l-pożizzjoni tiegħek u tneħħi l-illegalità koperta b'dawn il-multi:**

| **L-Ewwel Parti: Operat mingħajr Liċenzja** | | **Jiem suċċessivi wara d-data tan-notifika +** | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **0-15 il-ġurnata** | **16-50 il-ġurnata** | **51-180 il-ġurnata** | **181-365 il-ġurnata** | **366 il-ġurnata jew aktar** |
| Nuqqas ta' ksib ta'awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità taħt Artikolu 58 u taħt kull Skeda tal-Att għal attività relatata ma' jew li teffetwa l-ambjent | Permess Ambjentali | xejn | €15 kull jum | €35 kull jum | €75 kull jum | €150 kull jum |

Qed tiġi avżat ukoll illi skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7 tar-Regolamenti Dwar Multi Għal Kull Ġurnata Rigward l-Ambjent, meta tirrimedja l-kwistjoni soġġetta għal multa għal kull ġurnata, inti għandek tibgħat avviż formali bil-miktub lill-Awtorità mingħajr dewmien, akkumpanjat b'kull sottomissjonijiet u evidenza kif meħtieġa mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi.

Din il-multa għal kull ġurnata qed tiġi mposta bla ħsara għal kwalunkwe multa oħra jew ammont ieħor dovut lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att I tal-2016, u qed tinħareġ mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li l-Awtorità jidhrilha xierqa li tieħu fiċ-ċirkostanzi.

**Dan l-Ordni jieħu effett skont il-provvedimenti tal-artikoli 74, 76, 77, 78, u 79 tal-Att I tal-2016 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent.** Kull persuna li tħoss ruħha aggravata minn dan l-Ordni notifikat lilha tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika ta' dan l-Ordni, tappella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hekk kif imfisser f'sub-artikoli 76(9) u (10) tal-Att.

Stefan Azzopardi
Senior Officer
(Compliance & Enforcement)

Stefan Azzopardi
għad-Direttur għall-Konformità u Infurzar




ERA

Environment & Resources Authority
Hexagon House, Spencer Hill, Marsa, MRS 1441, Malta
T | +356 2292 3500 W | era.org.mt

**Scale: 1:5,000**

Date Plotted: 15/11/2019
Plotted By: Compliance & Enforcement

Copyright: Environment & Resources Authority; Basemap: Mapping Unit, Planning Authority

Stefan Azzopardi
Senior Officer
(Compliance & Enforcement)




Bounding Co-ordinates of Map (UTM / Metres)
Min E 450,335 N 3 970,095
Max E 451 288 N 3 968 960

Environment & Resources Authority

INFRASTRUCTURE MALTA

DOKUMENT G

Il-Ġimgħa, 24 ta' Jannar 2020

**Stqarrija konġunta mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u Infrastructure Malta**

L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi qiegħda kontinwament issegwi mill-qrib ix-xogħlijiet ta' tiswijiet li Infrastructure Malta qed tagħmel f'partijiet mit-triq rurali f'Wied Qirda, biex tassigura l-ħarsien ta' dawn l-inħawi ta' importanza naturali.

Infrastructure Malta tikkonferma li qed tikkollabora mal-Awtorità f'kull stadju ta' dan l-investiment infrastrutturali, biex ix-xogħlijiet meħtieġa ħalli din it-triq terġa' tkun sigura jsiru b'attenzjoni, billi jintużaw metodi li ma jkunux ta' dannu għas-sostenibilità ambjentali fit-tul tal-inħawi. Aktar minn hekk, ladarba jitlestew it-tiswijiet tat-tiswija tat-triq, se tikkontribwixxi fir-riġenerazzjoni ta' dan il-wied billi jsiru l-interventi kollha mitluba mill-istess Awtorità.

L-Aġenzija tikkjarifika li x-xogħlijiet minnha f'din il-parti tat-triq fl-aħħar ftit xhur kienu meħtieġa minħabba li kien hemm bżonn jinbidel il-wiċċ li diġà kien bl-asfalt fil-wisgħa tat-triq, u biex isiru tiswijiet strutturali ta' medda żgħira mill-istess triq wara li ċediet waqt diversi maltempati. Dawn it-tiswijiet jinkludu t-tħaffir tal-pedamenti eżistenti, il-bini ta' ħitan ġodda fuq sisien aktar sodi u t-tibdil ta' trejqa li kien hemm taqsam il-wied biex jiġu evitati aktar ħsarat mill-maltemp fil-futur. Din it-trejqa, li kienet mibnija permezz ta' diga ffurmata għexieren ta' snin ilu, kienet qed tostakola n-nixxiegħa naturali tal-ilma f'din il-parti tal-wied. L-Awtorità u l-Aġenzija jikkonfermaw li t-tneħħija ta' din it-trejqa jista' jkun mezz biex tiġi mtejba s-sistema naturali tal-wied u jgħin għar-riġenerazzjoni ta' din il-parti tal-wied għall-istat naturali tiegħu, waqt li jonqsu l-ħsarat ikkaġunati mill-ilma fuq it-triq rurali matul il-wied.

L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi tinnota li l-Ordni ta' Waqfien u Infurzar li ħarġet f'Novembru li għadda ma kinitx maħsuba biex twaqqaf ix-xogħlijiet permessi mil-liġi sabiex titranġa t-triq ħalli terġa' tkun sigura għall-pubbliku, iżda sabiex titlob li tkun infurmata fuq il-metodoloġija tax-xogħlijiet, u sabiex tiżgura li jkun hemm l-inqas impatt fuq l-ambjent tal-inħawi. L-Awtorità ħarġet din l-Ordni biex taċċerta ruħha li kwalunkwe xogħol ieħor f'dawn l-inħawi, jekk ikun meħtieġ, jitwettaq eżatt skont il-pjanijiet tal-metodi tax-xogħol approvati, u li l-kuntratturi involuti jifhmu u japprezzaw l-importanza ekoloġika ta' din iż-żona filwaqt li jnaqqsu kull impatt negattiv permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni xierqa. Aktar minn hekk, l-Ordni nħarġet sabiex pjanijiet għal xogħlijiet mhux urġenti li tista' tordna l-Aġenzija f'dawn l-inħawi jkunu mgħarbla mill-uffiċjali tal-ħarsien tal-ambjent tal-istess Awtorità qabel jitwettqu.

L-Awtorità tinnota wkoll li meta ħarġet l-Ordni ta' Infurzar, infurmat lill-Aġenzija li f'sezzjoni oħra tal-istess triq, medda t'art mittiefsa ta' madwar 70 metru kwadru lil hinn mill-wisgħa tat-triq oriġinali kienet ġiet asfaltata. Il-kuntratturi ta' Infrastructure Malta ħadu azzjoni mill-ewwel, u l-asfalt f'din il-biċċa art tneħħa ftit jiem wara.

F'sezzjoni oħra ta' din it-triq, jeħtieġ isiru aktar xogħlijiet ta' bini mill-ġdid tas-sisien tat-triq u l-ħitan tas-sejjieħ tagħha, wara li ġġarfu meta trakk aċċidentalment inqaleb fil-ġenb tat-triq waqt li kien qed isir ix-xogħol ta' tibdil t'asfalt is-sena li għaddiet. Filwaqt li dawn ix-xogħlijiet huma neċessarji, ma kienux qed joħolqu periklu lill-pubbliku. Fil-fatt, Infrastructure Malta ma wettqitx xogħlijiet f'din il-parti tat-triq. L-Awtorità ser tikkunsidra dawn ix-xogħlijiet flimkien mal-kumplament, biex tevalwa l-intervent sħiħ bi pjani dettaljati tal-metodi li se jintużaw u pjanti relatati, ħalli tkun tista' tipproponi xi miżuri addizzjonali ta' protezzjoni oħra li jistgħu jittieħdu. Ix-xogħol ta' tiswijiet f'din is-sezzjoni tat-triq ser jibda fil-ġimgħat li ġejjin, malli l-pjani tal-metodi jkunu konfermati u approvati.

Meta x-xogħol kollu jkun lest, l-Awtorità se tkompli ssegwi dawn l-inħawi, sabiex tiżgura li Infrastructure Malta tkun reġġgħet il-wied lura għall-istat naturali tiegħu. F'dan ir-rigward, kull xogħol ieħor ta' restawr li jista' jkun meħtieġ, ser isir minn Infrastructure Malta wkoll.

---

DOKUMENT H

7 ta' Frar 2020

L-Onor Dr Ian Borg MP
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u
l-Proġetti Kapitali

Bl-email fuq ian.borg@gov.mt

Ministru,

**Każ K/015 – xogħlijiet f'Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ**

Nirreferi għall-korrispondenza preċedenti (mehmuża) dwar dan il-każ.

Mehmuża wkoll ma' din l-ittra għandek issib korrispondenza mal-Awtorità dwar l-Ambjent u r-Riżorsi, fejn l-Awtorità kkonfermat li saru xogħlijiet mingħajr permess u bi ksur ta' ordni diretta biex ix-xogħol jieqaf. Qed nibgħatlek din il-korrispondenza skont kif jitlob l-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

Nirreferi għar-risposta tiegħek tat-2 ta' Diċembru 2019, fejn inti għedt li qatt ma ordnajt ebda xogħlijiet u li l-aġenzija Infrastructure Malta hija indipendenti. F'dal-kuntest nosserva li l-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta (il-Kap 588) fih dawn id-dispożizzjonijiet:

> Art 5(2): "*Bla ħsara għal dak stabbilit aktar 'il fuq, il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħti direzzjonijiet lill-Aġenzija, li ma jkunux inkonsistenti ma' dan l-Att, li għandhom jiġu segwiti mill-Aġenzija fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, u l-Aġenzija għandha, hekk kif ikun prattikabbli, tagħti effett lil dawk id-direzzjonijiet kollha.*"

> Art 15(1): "*Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, għal dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jidhirlu li jaffettwaw l-interess pubbliku, jagħti lill-Aġenzija direzzjonijiet ta' natura ġenerali jew speċifika, li ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, dwar il-politika li għandha tiġi segwita jew azzjoni oħra li għandha tittieħed fit-twettiq tal-funzjonijiet vestiti fl-Aġenzija bis-saħħa jew taħt dan l-Att, u l-Bord għandu, hekk kif ikun prattikabbli, jagħti effett lil dawn id-direzzjonijiet kollha.*"

Għaldaqstant inti mitlub tispjega għalfejn ma wżajtx is-setgħat li tagħtik il-liġi biex twaqqaf lil Infrastructure Malta milli twettaq xoghlijiet illegali malli l-media irrapportat li kienu qegħdin isiru tali xogħlijiet, anki jekk ma kontx taf b'dawn ix-xogħlijiet qabel.

Nixtieq ngħarrfek li qed nikkunsidra dan il-każ fid-dawl tal-paragrafi 4.5 u 5.3 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Kap 570. Dawn il-paragrafi jgħidu hekk:

> *4.5 Il-Ministri għandhom jaraw li d-dipartimenti governattivi u l-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tagħhom jitmexxew tajjeb u b'għaqal.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

Inti mitlub twieġeb sa mhux aktar tard minn nhar it-**Tnejn 17 ta' Frar 2020**.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT I

MINISTER FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE
AND CAPITAL PROJECTS
TRIQ FRANCESCO BUONAMICI, FLORIANA, MALTA

14 ta' Frar 2020

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Dr Hyzler,

Nirringrazzjak ta' l-ittra tiegħek datata 7 ta' Frar 2020 u d-dokumenti mehmuża.

Ġejt mistoqsi nispjega għalfejn jiena ma użajtx is-setgħat tiegħi skont il-liġi biex Infrastructure Malta ma twettaqx "*xogħlijiet illegali malli l-media rraportat li kienu qegħdin isiru tali xogħlijiet, anke jekk ma kontx [naf] b'dawn ix-xogħlijiet qabel.*" Jidher ukoll illi dan qed jiġi mistħarreġ fl-isfond tal-Kodiċi ta' Etika Ministerjali.

**Nixtieq mill-bidu nett niddikjara illi jiena qatt ma tajt xi ordni biex jiġu kommessi xi illegalitajiet jew biex jinkisru xi ordnijiet bi ħsara tal-liġi. Nixtieq nikkjarifika wkoll illi lanqas ma ġie għall-attenzjoni tiegħi il-fatt li kienu qed jiġu intrapriżi xogħlijiet illegali jew li Infrastructure Malta kienet kisret xi ordnijiet maħruġa mill-ERA. Għalhekk nemmen illi jiena ma nqast bl-ebda mod.**

Meta din il-kwistjoni ġiet irrapurtata fil-*media* tlabt għall-informazzjoni kollha sabiex nara x'passi kellhom jittieħdu. Qatt mhu ser nippermetti illi l-Ministeru jew l-Aġenzija li tagħha jiena responsabbli tikkommetti xi illegalità jew tikser ordnijiet ta' xi Awtorità kompetenti.

Meta tlabt l-informazzjoni tal-każ jiena ġejt mgħarraf is-segwenti:

- F'Wied Qirda kien hemm parti minn triq li sfrondat u konsegwenza ta' dan inħoloq riskju serju u inġenti fuq dawk li jużaw din l-istess triq;
- Illi dan kollu tefa' l-oneru fuq **Infrastructure Malta** biex tneħħi l-periklu;
- Illi l-uniku mod kif seta' jitneħħa dan il-periklu huwa billi jinbnew *retaining walls* biex it-triq ma tkomplix timxi għal ġewwa l-wied u, apparti il-periklu, jiżdied l-isfreġju;
- Illi fil-mori tax-xogħlijiet, **Infrastructure Malta** ħadet l-iżbriga li tneħħi volumi kbar ta' materjal u debris li kien intefa' abbużivament ġol-wied matul is-snin u dan anke wara insistenza ta' numru ta' domandi parlamentari li intavola l-Onorevoli Godfrey Farrugia. Dan se jkun ifisser li ladarba jitlestew ix-xogħlijiet, l-ilma tax-xita jkun jista' jiskula u l-materjal mitfugħ abbużivament ma jibqax jinfirex mal-kumplament tal-wied bħalma qed jiġri sal-lum;
- Illi anke jekk skont il-Kap 552 tal-Liġijiet ta' Malta, 'xogħlijiet ta' emerġenza fir-rigward tas-sigurtà pubblika mwettqa mill-Gvern' bħal f'dan il-każ lanqas jirrikjedu permess ta' żvilupp, **Infrastructure Malta** ħadet ħsieb li x-xogħlijiet f'Wied Qirda kienu qed isiru taħt sorveljanza, monitoraġġ, u bl-għarfien tal-ERA;
- Għaldaqstant jiġi preċiżat li ma kienx minnu illi Infrastructure Malta kienet qed tibni triq ġdida fil-Wied;

- Jiġi wkoll preċiżat li Infrastructure Malta kienet qed tibni pedamenti ġodda għal triq diġà eżistenti peress li l-pedamenti tat-triq kienu ċedew bil-maltempati u t-triq kienet f'periklu imminenti ta' kollass li seta' kellha konsegwenzi fatali għal min jużaha;
- Jiġi wkoll preċiżat li din it-triq hija l-uniku aċċess għall-persuni li għandhom għelieqi jew proprjetà f'Wied Qirda u hija triq frekwentata;
- Jiġi wkoll preċiżat li l-ERA kienet konsapevoli ta' dawn ix-xogħlijiet u l-periklu u kienet qed tissorvelja l-istess;
- Jiġi wkoll preċiżat li l-ERA f'ħin minnhom ħarġet ordni, liema ordni ma kinitx ordni ta' waqfien mix-xogħol iżda biss ordni għal *method statement* (li sussegwentement ġiet appellata);
- Jiġi wkoll preċiżat li **ma kienx minnu illi Infrastructure Malta kienet kisret il-liġi jew injorat xi ordni għal waqfien mix-xogħol**.
- Jiġi wkoll enfasizzat li kieku **Infrastructure Malta** baqgħet inadempjenti quddiem il-periklu, l-oneru f'każ ta' fatalità kien jaqa' fuqha.

Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, jiena ma stajt nieħu ebda azzjoni peress li ma kienx hemm illegalitajiet jew ordnijiet li qed jiġu miksura.

**Din l-informazzjoni mogħtija lili kienet ikkonfermata ukoll mill-ERA nnifisha meta ħarġet dikjarazzjoni pubblika flimkien ma' Infrastructure Malta**. L-informazzjoni allura mogħtija lili mhux biss ma kinitx tindika ħtieġa ta' intervent min-naħa tiegħi, iżda l-informazzjoni kienet ikkorroborata minn dak li l-ERA stqarret pubblikament (għalhekk kelli l-aċċertazzjoni li l-informazzjoni mgħoddija lili kienet korretta).

Nista' nikkonferma illi l-ERA pubblikament ikkonfermat l-informazzjoni li ġiet mgħoddija lili u li rrapurtajt aktar 'il fuq.

Nagħmel referenza għal stqarrija konġunta magħmula minn Infrastructure Malta u l-ERA (kopja hawn annessa) nhar l-24 ta' Jannar 2020. Qiegħed nislet xi partijiet ta' interess għal din l-investigazzjoni:

> *L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi qiegħda kontinwament issegwi mill-qrib ix-xogħlijiet ta' tiswijiet li Infrastructure Malta qed tagħmel f'partijiet mit-triq rurali f'Wied Qirda, biex tassigura l-ħarsien ta' dawn l-inħawi ta' importanza naturali.*
>
> ...
>
> *Infrastructure Malta tikkonferma li qed tikkollabora mal-Awtorità f'kull stadju ta' dan l-investiment infrastrutturali, biex ix-xogħlijiet meħtieġa ħalli din it-triq terġa' tkun sigura jsiru b'attenzjoni, billi jintużaw metodi li ma jkunux ta' dannu għas-sostenibilità ambjentali fit-tul tal-inħawi.*

...

*L-Aġenzija tikkjarifika li x-xogħlijiet minnha f'din il-parti tat-triq fl-aħħar ftit xhur kienu meħtieġa minħabba li kien hemm bżonn jinbidel il-wiċċ li diġà kien bl-asfalt fil-wisgħa tat-triq, u biex isiru tiswijiet strutturali ta' medda żgħira mill-istess triq wara li ċediet waqt diversi maltempati.*

....

***L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi tinnota li l-Ordni ta' Waqfien u Infurzar li ħarġet f'Novembru li għadda ma kinitx maħsuba biex twaqqaf ix-xogħlijiet permessi mil-liġi sabiex titranġa t-triq ħalli terġa' tkun sigura għall-pubbliku, iżda sabiex titlob li tkun infurmata fuq il-metodoloġija tax-xogħlijiet, u sabiex tiżgura li jkun hemm l-inqas impatt fuq l-ambjent tal-inħawi.*** *L-Awtorità ħarġet din l-Ordni biex taċċerta ruħha li kwalunkwe xogħol ieħor f'dawn l-inħawi, jekk ikun meħtieġ, jitwettaq eżatt skont il-pjanijiet tal-metodi tax-xogħol approvati, u li l-kuntratturi involuti jifhmu u japprezzaw l-importanza ekoloġika ta' din iż-żona filwaqt li jnaqqsu kull impatt negattiv permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni xierqa.*

...

*L-Awtorità tinnota wkoll li meta ħarġet l-Ordni ta' Infurzar, infurmat lill-Aġenzija li f'sezzjoni oħra tal-istess triq, medda t'art mittiefsa ta' madwar 70 metru kwadru lil hinn mill-wisgħa tat-triq oriġinali kienet ġiet asfaltata. Il-kuntratturi ta' Infrastructure Malta* ***ħadu azzjoni mill-ewwel****, u l-asfalt f'din il-biċċa art tneħħa ftit jiem wara.*

...

*Meta x-xogħol kollu jkun lest, l-Awtorità se tkompli ssegwi dawn l-inħawi, sabiex tiżgura li Infrastructure Malta tkun reġġgħet il-wied lura għall-istat naturali tiegħu. F'dan ir-rigward, kull xogħol ieħor ta' restawr li jista' jkun meħtieġ, ser isir minn Infrastructure Malta wkoll.*

MINISTER FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE
AND CAPITAL PROJECTS
TRIQ FRANCESCO BUONAMICI, FLORIANA, MALTA

Minn din l-istqarrija l-ERA tikkonferma illi:

- Ma jidhirx li Infrastructure Malta esegwiet xogħol ta' kostruzzjoni ta' triq ġdida kif ġie rrapurtat, iżda xogħlijiet ta' tiswija ta' triq diġà eżistenti fl-interess aħħari tas-sigurtà tal-utenti tat-triq (peress li kien hemm periklu serju u gravi għall-pubbliku);
- L-ERA kienet konsapevoli mix-xogħlijiet kollha intrapriżi u kienet issegwihom;
- **Ma saru ebda xogħlijiet illegali** u meta l-ERA ġibdet l-attenzjoni li bi żball ġiet asfaltata medda ta' madwar 70 metru kwadru żejda, l-Aġenzija immedjatament ħadet il-passi remedjali;
- **Ma hu minnu xejn li l-ERA ħarġet xi ordni ta' waqfien ta' xogħlijiet** u l-ERA stess tindika li qatt ma għamlet dan;
- Ma hu minnu xejn allura li Infrastructure Malta ma obdietx ordni ta' waqfien u infurzar.

**Għaldaqstant, meta ngħatajt din l-informazzjoni kollha (hekk kif ikkonfermat mill-ERA) ħassejt li ma kienx hemm passi x'jittieħdu. Ma kienx hemm xogħlijiet illegali jew xogħlijiet magħmula bi ħsara ta' ordni ta' waqfien.**

Filwaqt li nispera li din it-tweġiba tkopri kull aspett tal-kweżiti tiegħek, nibqa' dejjem għad-dispożizzjoni tiegħek.

Inselli għalik,

**Dr Ian Borg**

Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali